MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Numru 157/2004

**Il-Pulizija
(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**CARMVIC BUONTEMPO**

**Illum 20 ta' April, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Carmvic Buontempo ta' 34 sena, iben Mario u Dorothy nee` Moran, imwieled Attard fl-14 ta' Marzu 1969, residenti fi 442, Triq A. Cini, Pembroke, Detentur tal-karta ta' l-identita` numru 122869 M gie akkuzat:

Talli fil-5 ta' Dicembru 2003, fil-Pieta` u fi bnadi ohra b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprisi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm 90 bi hsara lil Digital Planet Limited. U dan bi ksur ta' l-artikli 308 u 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. ECM3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Ikkunsidrat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li minn investigazzjonijiet ulterjuri li ghamlet wara li kienet ipprezentat il-kawza odierna rrizultalha li l-imputat kien in regola fil-5 ta' Dicembru, 2003, u li ghalhekk l-akkuza fil-konfront tieghu ma tirrizultax.

Konsegwentement, wara li ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi x'tipproduci, talbet li l-Qorti tghaddi ghas-Sentenza u tillibera lill-imputat.

Fid-dawl ta' dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta ta' llum u li gie hawn fuq riferit u wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti tillibera lill-imputat Carmvic Buontempo mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu ghax tali akkuza ma tirrizultax.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------